MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-6 ta' April, 2015

Numru 284/2014

**Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Matthew Busuttil**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Matthew Busuttil ta' 34 sena bin Carmelo u Maria Dolores nee' Schembri, mwieled Pieta' fil-25 ta' Mejju 1980, residenti 112, Mencara, Triq San Filippu, Ghaxaq u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 260980M;

Talli fit-22 ta' Settembru 2013 ghal habta tal- 03.45am gewwa Gianpula Disco, Triq Gianpula, Zebbug Malta;

1) Kiser il- bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju;
2) Aktar talli hebb ghal persuna ta' Joseph Francica persuna li ghalqet l-eta ta' 60 sena u kkagunalu griehi ta' natura gravi;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata12 ta' Jannar 2015, fejn gew indikati l-Artikoli tal-ligi li tahthom kellu jghaddi in gudikat l-imputat ghal dan ir-reat;

Rat illi l-istess imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tkompli titmexxa sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' gheluq tal-kumpilazzjoni f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti qed issibu hati u ser tghaddi ghas-sentenza fil-konfront tieghu. Din il-kawza tittratta aggressjoni da part ital-imputat fuq persuna anzjana gewwa stabbiliment kummercjali bl-isem Gianpula, limiti taz-Zebbug, Malta. Hemmhekk l-anzjan, Joseph Francica, apparentement kien qed idejjaq lit-tfajla tal-imputat. Ghalhekk wara certu hin mar sab lil Francica fit-*toilet* tal-istess stabbiliment u aggredih, li b'risultat ta' hekk Francica sofra griehi gravi.

Ghalkemm huwa evidenti li kien hemm element qawwi ta' provokazzjoni da parti tal-vittma, hadd m'ghandu l-jedd jiehu l-ligi b'idejh u jinfexx f'attakk vjolenti fuq persuna aktar vulnerabbli minnu, kienu x'kienu r-ragunijiet li setghu iggustifikaw tali attakk. Il-proporzjon ta' vjolenza li uza l-imputat fuq il-vittma mar lil'hinn minn dak li setghet sofriet it-tfajla tal-imputat. Madankollu, b'xorti tajba dan l-incident ma kellux konsegwenzi serji, u ghalhekk il-Qorti ser tiddisponi minn din il-kawza – li kienet originarjament inbdiet bhala kawza tad-distrett – billi taghti piena ta' prigunerija sospiza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 338(dd), 214, 216, 222A(1), 383, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------